MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1453/2004

**Av. Dr. Joseph Brincat ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Emanuel u Diane Debono**

**Vs**

**David Debono**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur nomine talab il-hlas ta' seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm792) rapprezentanti l-import ta' tmien (8) kambjali, accettati u ffirmati mill-konvenut u li d-data ta' maturita' taghhom skadiet u baqghu ma thallsux.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal fl-ewwel eccezzjoni illi l-attur nomine jrid jipprova l-mandat tieghu sabiex jirrapprezenta lil Emanuel u lil Diane Debono. Fit-tieni eccezzjoni jghid li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-

Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi terminu ta' dekadenza ta' hames snin.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

Dr Joseph Brincat jikkonferma li Emanuel u Diane Debono kellhom *shares* f'socjeta' jisimha Newark Engineering. Il-konvenut kien xtara s-sehem ta' l-atturi u l-konvenut kellu jhallas certu ammont u nhargu l-kambjali.

Jghid illi meta ltaqa' ma' David Debono darba l-Qorti kien qallu li ma kellux minfejn ihallas lil Emanuel u lil Diane Debono. Il-konvenut kien qallu *"xi haga zghira nista' naghti"*.

Jikkonferma li l-konvenut ghadu ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Ra l-Affidavit ta' l-attur Emanuel Debono, fejn jikkonferma li kien biegh ix-*shares* lin-neputi tieghu li huwa l-konvenut. Jghid li dak iz-zmien il-konvenut ma kellux flus u ghalhekk ghamlu ghadd ta' kambjali.

Illi l-konvenut ma cahadx il-verzjoni tal-fatti kif inghataw lit-Tribunal. Il-konvenut qieghed jistrieh fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u jsostni li l-perjodu ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz huwa ta' hames snin u l-ebda ammissjoni ma tista' tinterrompi din il-preskrizzjoni.

Il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc u jghid li dan jipprovdi terminu ta' dekadenza ta' hames snin.

Fit-trattazzjoni l-attur nomine sostna li anki jekk wiehed kellu jaccetta dan l-argument u l-kambjali ma jitqiesux iktar validi wiehed xorta jista' jikkundanna lill-konvenut ghaliex il-kambjali kienu evidenza tas-sitwazzjoni reali u legali u jekk huma jinsabu preskritti, t-Tribunal ghandu jara jekk il-konvenut ghadux debitur in vista tal-fatt li huwa

ammess li l-konvenut naqas li jhallas dak kollu dovut ghax-*shares* li xtara mill-atturi.

L-**Artikolu 541 tal-Kodici tal-Kummerc** jipprovdi li:

“All times fixed by any express provision of this Code for the exercise of any action or right of recourse arising from commercial acts, are peremptory.”

Illi fil-kawza **Petroni Vs Zahra (Appell Inferjuri 7/12/1977)** gie ddikjarat li t-terminu huwa wiehed ta’ dekadenza.

Fil-kawza **Tanti Palmier Vs Runza Mifsud (Qorti tal-Kummerc 25/11/1960)** intqal:

“Il-kors ta’ dak iz-zmien ma jistax jigi sospiz jew interrott minn ebda wahda mill-kawzi li ghandhom il-virtu’ li jissospendu jew jinterrompu l-preskrizzjoni, eccettwata biss id-domanda gudizzjali proposta quddiem l-awtorita’.”

Fil-kawza fuq imsemmija **(Palmier Vs Mifsud)** intqal pero’ li jekk il-venditur irrikonoxxa w ammetta l-ezistenza tal-vizzju u l-konsegwenti legittimita’ tar-reklam hemm interruzzjoni.  Din l-interruzzjoni izda trid isir fit-terminu.

Illi f’dan il-kaz l-ahhar kambjala kellha tithallas fil-21 ta’ Novembru, 1996. L-ammissjoni lil Dr Brincat kienet fl-ahhar sena qabel ma bdiet il-kawza u ghalhekk it-terminu kien diga’ ghadda.  Il-kawza giet ipprezentata f’Lulju 2004.

Illi l-Avviz huwa ghall-hlas ta’ seba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm792) rapprezentanti import ta’ kambjali.  Ma saret ebda talba ghall-korrezzjoni ta’ l-Avviz u dan it-Tribunal ma jistax jiddeciedi fuq fatti mhux inkluzi fl-Avviz.

Ghaldaqstant jilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.  Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------